

PREMJIJET TAL-UE GĦALL-PRODUZZJONI ORGANIKA

Introduzzjoni ġenerali

Iż-żieda fil-produzzjoni organika tikkontribwixxi b'mod sinifikanti għat-tnaqqis fl-użu ta' fertilizzanti kimiċi, pestiċidi u antimikrobiċi u għandha effetti pożittivi fuq il-klima, l-ambjent, il-bijodiversità u l-benessri tal-annimali tagħna. Hu għalhekk li l-produzzjoni organika għet identifikata bħala fattur li jaqdi rwol ewlieni fil-kisba tal-oġġettivi tal-Patt Ekoloġiku Ewropew, l-Istrateġija Mill-Għalqa sal-Platt u l-Istrateġija għall-Bijodiversità. Għal din ir-raġuni, il-Kummissjoni ddefinjiet mira ta' 25% tal-art agrikola tal-UE għall-biedja organika sal-2030 u żieda sinifikanti fl-akkwakultura organika.

B'appoġġ għal dik il-mira, il-Kummissjoni adottat il-Pjan ta' Azzjoni għall-Iżvilupp tal-Produzzjoni Organika¹ f'Marzu 2021. Dan il-Pjan ta' Azzjoni jieħu l-approċċ li, biex tiġi stimolata l-produzzjoni organika, id-domanda tal-konsumaturi għall-prodotti organiċi għandha tikber. Dan jeħtieġ, fost affarijiet oħra, aktar għarfien pubbliku dwar il-karatteristiċi u l-benefiċċji tal-produzzjoni organika. Għal din il-fini, il-Pjan ta' Azzjoni jinkludi l-organizzazzjoni ta' premjijiet annwali li jirrikonoxxu l-eċċellenza fil-katina tal-valur organiku. Dawn il-premjijiet se jingħataw għar-raba' darba fl-2025.

Ikklikkja [hawnhekk](#) biex tara r-rebbieħa tal-premjijiet għall-produzzjoni organika tal-2024.

Huma ppjanati sitt kategoriji ta' premjijiet li jinkludu seba' premjijiet:

- Kategorija 1: L-aqwa bidwija organika u L-aqwa bidwi organiku²
- Kategorija 2: L-aqwa reġjun/bijodistrett organiku
- Kategorija 3: L-aqwa belt organika
- Kategorija 4: L-aqwa SME li tipproċessa ikel organiku³
- Kategorija 5: L-aqwa bejjiegħ bl-imnut tal-ikel organiku
- Kategorija 6: L-aqwa ristoranti/servizz tal-ikel organiku⁴

Dawn il-premjijiet mhumiex finanzjarji u se jingħataw fit-23 ta' Settembru 2025, li huwa l-Jum Organiku tal-UE.

¹ Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Soċjali u Ekonomiku Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni dwar il-Pjan ta' Azzjoni għall-Iżvilupp tal-Produzzjoni Organika:

<https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/ALL/?uri=CELEX%3A52021DC0141>

² Tinkludi kemm il-biedja fuq l-art kif ukoll l-akkwakultura

³ Tinkludi dawk li jipproċessaw il-prodotti organiċi tal-akkwakultura

⁴ Ristorant (ristorant waħdu jew parti minn lukanda) u/jew servizz tal-ikel (caterer jew canteen)

Introduzzjoni speċifika għas-sejħa

- **Kategorija 1:** L-objettiv tal-premjju “**L-aqwa bidwi organiku**” huwa li jippremjja **bidwija waħda u bidwi wieħed** li żviluppaw proġett eċċellenti, innovattiv, sostenibbli u ta’ ispirazzjoni li jipproduċi valur miżjud reali għall-produzzjoni u l-konsum organiċi. Se tingħata attenzjoni speċifika lill-proġetti tal-bdiewa żgħażaġħ sabiex tiżdied il-viżibbiltà tagħhom, billi jintwerew il-proġetti tagħhom u tiġi enfasizzata r-rilevanza tagħhom (il-bdiewa żgħażaġħ huma ddefiniti bħala bdiewa li ma jkollhomx aktar minn 40 sena (fiż-żmien tal-iskadenza għas-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet)⁵).
- **Kategorija 2:** L-objettiv tal-premjju “**L-aqwa reġjun/bijodistrett organiku**” huwa li jippremjja reġjun jew bijodistrett li żviluppa proġett eċċellenti, innovattiv, sostenibbli u ta’ ispirazzjoni li jipproduċi valur miżjud reali għall-produzzjoni u l-konsum organiċi.
- **Kategorija 3:** L-objettiv tal-premjju “**L-aqwa belt organika**” huwa li jippremjja belt li żviluppat proġett eċċellenti, innovattiv, sostenibbli u ta’ ispirazzjoni li jipproduċi valur miżjud reali għall-produzzjoni u l-konsum organiċi.
- **Kategorija 4:** L-objettiv tal-premjju “**L-aqwa SME li tipproċessa ikel organiku**” huwa li jippremjja Intrapriża Żgħira u ta’ Daqs Medju (SME) li tipproċessa l-prodotti organiċi li żviluppat proġett eċċellenti, innovattiv, sostenibbli u ta’ ispirazzjoni li jipproduċi valur miżjud reali għall-produzzjoni u l-konsum organiċi.
- **Kategorija 5:** L-objettiv tal-premjju “**L-aqwa bejjiegħ bl-imnut tal-ikel organiku**” huwa li jippremjja bejjiegħ bl-imnut SME li jbigħ prodotti organiċi li żviluppa proġett eċċellenti, innovattiv, sostenibbli u ta’ ispirazzjoni li jipproduċi valur miżjud reali għall-produzzjoni u l-konsum organiċi.
- **Kategorija 6:** L-objettiv tal-premjju “**L-aqwa ristoranti/servizz tal-ikel organiku**” huwa li jippremjja ristoranti SME (waħdu jew parti minn lukanda) u/jew servizz tal-ikel (caterer jew canteen) li jipproponi referenzi ċċertifikati organiċi fil-menù tiegħu li żviluppaw proġett eċċellenti, innovattiv, sostenibbli u ta’ ispirazzjoni li jipproduċi valur miżjud reali għall-produzzjoni u l-konsum organiċi.

Il-kriterji tal-eliġibbiltà u tal-ġoti tal-premjijiet

1. L-applikazzjonijiet għall-Premjijiet tal-UE għall-Produttjoni Organika għandhom jissodisfaw il-kriterji tal-eliġibbiltà li ġejjin:

a) Il-punt tat-tluq biex tapplika għal wieħed mill-premjijiet se jkun dan is-sit web:

https://agriculture.ec.europa.eu/farming/organic-farming/organic-action-plan/eu-organic-awards_en?prefLang=mt

Is-sit web se jillinkja mal-formoli tal-applikazzjoni online għal kull wieħed mill-premjijiet. Kwalunkwe applikazzjoni għandha tiġi sottomessa **sas-27 ta’ April 2025 23:59:59 CET** u mhux aktar tard.

b) L-applikazzjonijiet iridu jkunu b’waħda mil-lingwi uffiċjali tal-UE.

c) L-applikanti jeħtiġilhom ikunu persuni ġuridiċi jew fiżiċi stabbiliti jew residenti f’wieħed mis-27 Stat Membru tal-UE.

⁵ Għall-fini tal-premjijiet tal-UE għall-produttjoni organika, bidwi żaġżuġħ ma jkollux aktar minn 40 sena (f’konformità mar-Regolament (UE) 2021/2115).

d) Il-proġett sottomess irid ikun ibbażat fl-UE u jirreferi b'mod ċar għal **waħda** mis-sitt kategoriji tal-premjijiet/mis-seba' premjijiet. L-istess proġett ma jistax jiġi sottomess għal kategoriji tal-premjijiet/premjijiet differenti. Kull applikant jista' japplika biss għal **premju wieħed**. L-għadd massimu ta' applikazzjonijiet għal kull premju huwa wieħed.

e) Ir-rebbieħa tal-edizzjonijiet li għaddew ma jistgħux jerġgħu japplikaw għall-edizzjoni ta' din is-sena. Il-finalisti mhux rebbieħa tal-edizzjonijiet li għaddew jistgħu jerġgħu japplikaw għall-edizzjoni ta' din is-sena.

f) Il-proġett għandu jkun ġie implimentat bis-sħiħ jew għandu jkun fi stat matur biżżejjed sabiex il-ġurija tkun tista' tivvalutah (jiġifieri l-implimentazzjoni fiżika għandha tkun avvanzata biżżejjed biex turi l-kisba tal-oġġettivi).

g) Kriterji speċifiċi tal-eliġibbiltà għal kull kategorija tal-premjijiet:

- **L-aqwa bidwija organika u L-aqwa bidwi organiku:** Iċċertifikati skont ir-Regolament (UE) Nru 2018/848⁶;
- **L-aqwa reġjun/bijodistrett organiku:** "*Bijodistrett*" huwa ddefinit bħala żona ġeografika fejn il-bdiewa, il-pubbliku, l-operaturi tat-turisti, l-assoċjazzjonijiet u l-awtoritajiet pubbliċi jidhru fi ftehim għall-ġestjoni sostenibbli tar-riżorsi lokali, abbażi ta' prinċipji u prattiki organiċi. Ir-reġjun organiku ma għandu l-ebda kriterju speċifiku tal-eliġibbiltà.
- **L-aqwa belt organika:** Ebda kriterju speċifiku tal-eliġibbiltà; f'każ li l-belt topera razzett jew ħanut organiku wieħed jew aktar, għandha tiġi pprovduta prova taċ-ċertifikazzjoni organika tagħhom. Din il-prova għandha tkun ċertifikat validu fil-mument tas-sottomissjoni.
- **L-aqwa SME li tipproċessa ikel organiku:** Intrapriża ċċertifikata skont ir-Regolament (UE) 2018/848 u li jkollha produzzjoni 100% organika u li tikkonforma mad-definizzjoni ta' SME⁷ (intrapriża li timpjega inqas minn 250 persuna u li jkollha fatturat annwali li ma jaqbiżx il-€50 miljun, u/jew li jkollha total tal-karta tal-bilanċ annwali li ma jaqbiżx it-€43 miljun). Il-koperattivi jistgħu jitqiesu bħala intrapriżi. L-ipproċessar irid jinftiehem kif iddefinit fir-Regolament (KE) Nru 852/2004⁸.
- **L-aqwa bejjieġh bl-imnut tal-ikel organiku:** Intrapriża ċċertifikata skont ir-Regolament (UE) 2018/848 u li jkollha referenzi ċċertifikati 100% organiċi għall-bejgħ (minbarra oġġetti mhux tal-

⁶ Ir-Regolament (UE) 2018/848 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 dwar il-produzzjoni organika u t-tikkettar ta' prodotti organiċi u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 834/2007 (<https://eur-lex.europa.eu/legal-content/EN/TXT/?uri=CELEX:32018R0848>)

⁷ Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tas-6 ta' Mejju 2003 dwar id-definizzjoni ta' intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju (<https://eur-lex.europa.eu/legal-content/EN/TXT/HTML/?uri=CELEX:32003H0361&from=EN>)

⁸ L-Artikolu (2)(m), (n) u (o) "definizzjonijiet" tar-Regolament (KE) Nru 852/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar l-iġjene tal-oġġetti tal-ikel jistipula li:

- (m) "proċessar" tfisser kwalunkwe azzjoni li sostanzjalment tibdel il-prodott inizjali, inkluża s-sħana, l-iffumigar, il-preservazzjoni, it-tisjir naturali, it-tnixxif (tqaddid), l-immarinar, l-estrazzjoni, l-estruzzjoni jew ġemgħa ta' dawk il-proċessi;
- (n) "prodotti mhux proċessati" tfisser l-oġġetti tal-ikel li ma jkunux għaddew mill-ipproċessar, u jinkludu prodotti li jkunu ġew maqsuma, mifruda, imqaċċta, imfella, dissussati, imqatta' kapuljat, imqaxxa, mişħuqa, imqatta', imnaddfa, imberfla, imfisdqa, mitħuna, imkessħa, iffriżati, iffriżati bil-qawwi jew imdewba;
- (o) "prodotti proċessati" tfisser oġġetti tal-ikel li jirriżultaw mill-ipproċessar ta' prodotti mhux ipproċessati. Dawn il-prodotti jista' jkun fihom ingredjenti li huma meħtieġa għall-manifattura tagħhom jew sabiex jagħtuhom karatteristiċi speċifiċi.

ikel jew prodott tal-ikel li ma jeżistix fil-forma organika) u li tikkonforma mad-definizzjoni ta' SME⁹ (intrapriża li timpjega inqas minn 250 persuna u li jkollha fatturat annwali li ma jaqbiżx il-€50 miljun, u/jew li jkollha total tal-karta tal-bilanċ annwali li ma jaqbiżx it-€43 miljun). Il-koperattivi jistgħu jitqiesu bħala intrapriżi.

- **L-aqwa ristoranti/servizz tal-ikel organiku:** Intrapriża li jkollha referenzi ċertifikati 100% organiċi fil-menù tagħha, meta jkun possibbli u li tikkonforma mad-definizzjoni ta' SME¹⁰ (intrapriża li timpjega inqas minn 250 persuna u li jkollha fatturat annwali li ma jaqbiżx il-€50 miljun, u/jew li jkollha total tal-karta tal-bilanċ annwali li ma jaqbiżx it-€43 miljun). Il-koperattivi jistgħu jitqiesu bħala intrapriżi.

2. L-applikanti eliġibbli kollha se jiġu vvalutati mill-ġurija tal-Premjijiet tal-UE għall-Produzzjoni Organika skont il-kriterji orizzontali tal-għoti tal-premjijiet li ġejjin:

- **Eċċellenza:** Ir-rebbieħ jeħtieġu jkun żviluppa inizjattiva eċċellenti li tipproduċi valur miżjud reali għall-produzzjoni organika. Dan ifisser riżultati tajbin u impatt tal-proġett b'rabta mal-objettivi inizjali tiegħu. Il-proġetti għandhom juru l-impatt tagħhom fuq iż-żona u t-territorju kkonċernati u juru r-riżultati tagħhom meta mqabbla mal-miri u l-objettivi stabbiliti inizjalment.
- **Karattru innovattiv tal-proġett fil-kategorija tal-premjijiet magħżula:** Il-proġetti ma għandhomx ikunu "kollox bħas-soltu" iżda għandhom juru approċċi ġodda, metodi organizzattivi ġodda, jew l-iżvilupp ta' riżultati ġodda jew imtejba (b'mod sinifikanti) għall-prodotti organiċi. Il-kriterji għall-kejl tal-karattru innovattiv għal kull kategorija huma spjegati aħjar fit-taqsima ddedikata tal-kategorija.
- **Pilastru tas-sostenibbiltà (ambjentali, soċjali u ekonomiċi) tal-proġett:** Il-proġetti għandhom juru s-sostenibbiltà tagħhom u l-futur tagħhom bħala inizjattiva jew proġett awtonomu b'dettalji dwar kif il-proġett tagħhom jilħaq kull pilastru tas-sostenibbiltà fi 3 sottotaqsimiet differenti.
- **Transferibbiltà u possibbiltà li l-proġett jiġi replikat xi mkien ieħor fl-UE:** Il-proġett għandu juri li jirrappreżenta prattika tajba f'kuntest usa' (UE) u li hu ta' ispirazzjoni jew jista' jispira postijiet oħra. Il-proġett għandu juri wkoll modi tajbin kif jiġu kkomunikati l-għanijiet u r-riżultati tiegħu.
- **Bidwi żagħżuġh (kategorija 1):** sabiex tingħata aktar viżibbiltà lill-bdiewa żgħażaġh, fil-każ ta' punti ekwivalenti fil-punteġġ finali, se tingħata preferenza lill-bdiewa li ma jkollhomx aktar minn 40 sena.

L-applikanti jridu jwieġbu mistoqsijiet ta' gwida, żviluppanti b'rabta mal-erba' prinċipji tal-pilastru tal-agrikoltura organika u l-pilastru tas-sostenibbiltà, u jridu jipprovdur taqsira tal-proġett. Dawn il-mistoqsijiet se jgħinu lill-applikanti biex jistrutturaw aħjar it-tweġibiet tagħhom u lill-ġurija biex tikseb aktar data dwar l-applikanti.

⁹Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tas-6 ta' Mejju 2003 dwar id-definizzjoni ta' intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju (<https://eur-lex.europa.eu/legal-content/EN/TXT/HTML/?uri=CELEX:32003H0361&from=EN>)

¹⁰Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tas-6 ta' Mejju 2003 dwar id-definizzjoni ta' intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju (<https://eur-lex.europa.eu/legal-content/EN/TXT/HTML/?uri=CELEX:32003H0361&from=EN>)